**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 6 ta' Gunju, 2018

Rikors Nru : 149/18 AL

**AB**
**U**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie guramentat miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

Illi r-rikorrenti kienu zzewgu fit-12 ta' Jannar 2004 skond certifikat taz-zwieg (anness u mmarkat **Dok A**) u minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal;

2. Illi l-partijiet ilhom aktar minn erba' snin *'de facto'* separati fejn minkejja li kienu baqghu (u ghadhom) jghixu fl-istess proprjeta`, ma kienux jghixu flimkien bhala koppja u kienu jghixu hajja distinta u separata. Illi l-partijiet ilhom ukoll sentejn *'de jure'* separati kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet datat l-21 ta' Jannar 2016 in atti Nutar Dottor Sharon Faith

Farrugia (anness u mmarkat **Dok B**) u baqghu hekk jghixu hajja distinta u separata minn xulxin u kull parti ghandha rabtiet ohra. Illi m'hemm ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u ilhom iktar minn erba' snin ma jghixu flimkien bhala koppja.

3. Illi skond l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, l-partijiet iddekadew ghad-dritt li jircievu manteniment minn ghand xulxin;

4. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta;

Talbu li din il- Qorti :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejniet il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' April, 2018;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-21 ta' Jannar, 2016 u de facto separati ghal aktar minn erba' snin, fejn minkejja li kienu baqghu jghixu fl-istess proprjeta, ma kienux jghixu flimkien bhala koppja u kienu jghixu hajja distinta u separata;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.